**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Jannar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 154/2008 AF**

**Josephine-Carmen u Raymond konjugi Cunningham**

**vs**

**John Grech u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2010 is-socjetà Gasan Mamo Insurance Limited interveniet fil-kawza in statu et terminis**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Josephine-Carmen u Raymond konjugi Cunningham tal-14 ta' Frar 2008 li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fit-12 ta' Frar 2006, ir-rikorrenti Josephine-Carmen Cunningham kienet qed isuq il-vettura Nru. TFC 770, proprjetà taghha go Dawret il-Gudja, Gudja meta sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura Nru. ABI 225 misjuqa mill-intimat (Dok. JC1).

Ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-intimat minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrenti Josephine-Carmen Cunningham garrbet "*damnum emergens*" li kienu jinkludu l-hsara tal-vettura taghha, spejjez ta' tobba u specjalisti, u telf iehor li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Konsegwenza tal-griehi gravi li garrbet konsegwenza tal-istess incident, ir-rikorrenti Josephine-Carmen Cunningham soffriet ukoll "*lucrum cessans*" minhabba debilità permanenti riskontrata u accertata (Dok. JC2).

Minkejja li l-intimat kien interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni tar-rikorrenti, huwa baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti.

2. Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilhom in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Marzu 2006, dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 2007 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata llum kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimat skond Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' John Grech li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza l-eccipjent ma kellu ebda tort. Illi li gara kien li waqt li l-eccipjent kien qed isuq il-vettura tieghu ABI 225 fi Triq Dawret il-Gudja, Gudja fix-xita, f'mument minnhom hu mess il-brejk u li b'hekk skiddja ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Ir-rikorrenti Josephine-Carmen Cunningham kellha kull opportunità li twaqqaf il-vettura taghha qabel l-incident.

Ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-affidavits ipprezentati, rat ix-xhieda moghtija quddiem l-Assitenta Gudizzjarja Dr. Yvette Cassar, rat id-dokumenti pprezentati fl-atti, inkluz is-sentenza tad-19 ta' Frar, 2010, tal-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat ir-rikors tal-20 t'April, 2010 li permezz tieghu s-socjetà assikurattrici Gasan Mamo Insurance Limited talbet li tintervjeni fil-kawza.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta li permezz tieghu, is-socjetà Gasan Mamo Insurance Agency Limited thalliet tintervjeni fil-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat li permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand l-intimat hlas ta' danni li huma garrbu wara incident stradali li sehh fit-12 ta' Frar, 2006, fi Triq Dawret il-Gudja, Gudja, meta l-attrici kienet qeghda ssuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni, TFC – 770 u l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura ABI -225.  Ir-rikorrenti jsostnu li l-incident sehh tort ta' l-intimat John Grech, li minn naha tieghu jichad li l-incident gara htija tieghu u jsostni li l-attrici kellha kull opportunità li tevitah.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident sehh fuq il-karreggjata li kienet qeghda tuza l-attrici u cioé dik li taghti minn Hal-Luqa ghal Hal-Ghaxaq.  Jirrizulta li l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura u kif jirrizulta mill-istess skizz tar-rapport tal-Pulizija, skiddja mill-karreggjata tieghu huwa hu sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Luqa u baqa diehel ghal fuq il-karregjata l-ohra fejn kien hemm il-karozza tal-attrici.

## Responsabbiltà

Il-Qorti tippreciza mal-ewwel li s-socjetà intervenuta fil-kawza Gasan Mamo Insurance Limited m'ghandhiex tkun imdahhla fil-gudizzju bhala kontendenti la bhala attur u lanqas bhala konvenut ghaliex "fis-sistema procedurali taghna, l-intervenut mhux meqjus proprjament bhala parti fil-kawza" (**Joseph Buhagiar v. Charles Psaila et, Appell, 31 ta' Jannar 1996).**

Wara l-incident, *a tempo vergine* s-sewwieqa fid-dikjarazzjoni li rrilaxxjaw lill-pulizjia skont ir-rapport esebit a fol. 6 tal-process, jiddeskrivu l-incident hekk:

> *"Car No. ABI 225*
>
> *He was proceeding along Dawret il-Gudja, Gudja, from Ghaxaq towards Luqa and not knowing what happened the other vehicle collided into him, he does not know how he came in the position of the sketch.*
>
> *Car No. TFC 770*
>
> *She was proceeding along Dawret il-Gudja, Gudja from Luqa towards Ghaxaq and when he came near the place of the accident she was behind two vehicles.  All of a sudden she noticed the van coming her way.  She applied the brakes but the collision occurred."*

Fid-dawl tal-kuntrast bejn il-versjonijiet moghtija mill-partijiet jehtieg illi l-Qorti tezamina fid-dettal il-provi migbura sabiex tiddetermina a bazi ta' kriterji oggettivi bhalma huma ksur tar-

regolamenti tat-traffiku, kif ukoll l-konsistenza u verosimiljanza fix-xhieda sabiex tiddetermina l-kawza prossima li wassal ghall-incident in ezami. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: **Hugh P Zammit noe v. Keith Farrugia deciza fit-28 ta' Gunju, 2001,** fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk: *"Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino** deciza fil-15 ta' Jannar, 1997 (Cit. Nru. 468/93) ikkonfermata fis-sentenza **Emmanuel Genovese vs Mario Borg**- P.A. 12 ta' Dicembru 2000) inghad illi:- "f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbiltà ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilta' u mhux l-ekwità u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

Illi jinghad ukoll illi skond il-gurisprudenza taghna huwa ritenut illi l-attur li jallega haga huwa tenut illi jipprova dak allegat minnu sabiex jikkonvinci lil Qorti li l-affarijiet sehhew kif vantati minnu. Ix-xhieda moghtija mill-attrici waqt il-proceduri permezz ta' l-affidavit taghha (a fol. 37 tal-process) tirrizulta konsistenza ma' dak li qalet l-attrici *a tempo vergine.* Inoltre hija tiddeskrivi l-impatt hekk: *"Il-vettura Nru. ABI 225 tatni daqqa fuq ir-rota ta' quddiem, habtet gol-bankina u regghet habtet mal-vettura tieghi bil-konsegwenza li kelli hsarat estensivi fil-quddiem taghha (Dok. N (i) sa N (vi))."* Minn ezami tar-ritratti a fol. 30 u 31 tal-process jirrizulta evidenti li l-impatt kien wiehed qawwi u apparti l-hsara li sehhet fuq quddiem, kien hemm ukoll hsara estensiva fuq in-naha tal-lemin tal-vettura ta' l-attrici, li hija konsistenti max-xhieda taghha. Din ix-xhieda ta' l-attrici hija wkoll korroborata mid-diversi xhieda li kienu passigieri fil-vettura taghha, sia fid-dinamika ta' kif sehh l-incident, sia fid-daqqiet li sehhew ma' l-impatt.

Jekk imbaghad wiehed jara x-xhieda tal-konvenut, li nghatat quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, a fol. 177 u 178 tal-process,

jirrizulta li l-intimat wara li ghadda ftit zmien sew mill-incident jiddeskrivih hekk: *"Jien kont fi triqti lejn id-dar. Dak il-hin li kont fit-triq bdiet nizla x-xita u l-van skiddjali u dar u gie bil-kontra u jiena spiccajt mal-hajt. Jiena dort dawra u spiccajt 2 piedi distanza lejn il-hajt dak il-hin u minn wara giet vettura laqtitni bin-number plate. Il-vettura giet kemm timxi. Bl-impatt li gara sploda t-tyre u nqalghet il-molla u l-van gie ssussat. Qed nigi muri l-isketch tal-pulizija esebit a fol. 8 tal-process u qed nigi muri dan l-isketch u ma naqbilx mieghu ghaliex il-vettura l-ohra haditni fuq wara fin-nofs. Mhux kif qed jidher hawn hekk fil-genb. Jiena ritratti tal-hsara tieghi m'ghandix. Qed nigi muri ritratti a fol. 30 u 31 tal-process. Naqbel li l-hsara taghha kienet hekk kif tidher hawn.....Nghid li d-direzzjoni tieghi kienet lejn Hal-Luqa u jiena kont spiccajt fuq in-naha hazina tat-triq. Naqbel li jiena kont l-unika vettura li skiddjajt dak inhar. Naqbel ukoll li qabel l-impatt il-vettura ma rajthiex. Fil-fatt ma kontx rajt karozzi qabel."*

Il-Qorti tinnota n-nuqqas ta' konsistenza bejn dak li jinghad originarjament mill-konvenut ftit wara l-incident u din ix-xhieda hawn appena citata. L-iskizz kif imhejji mill-Pulizija, kif ukoll l-estent tal-hsarat fil-vetturi kif rapportat mill-istess Pulizija, flimkien mar-ritratti ta' l-attrici hawn fuq imsemmija, iwasslu lil din il-Qorti ghall-fehma li din l-ahhar versjoni tal-konvenut dwar id-dinamika ta' l-incident mhijiex kredibbli. Anzi l-insistenza tal-konvenut li huwa ma rax il-vettura tal-attrici qabel l-incident qeghda titqies bhala ammissjoni cara ta' nuqqas fl-obbligu tieghu li jzomm "*proper lookout*".

Meta wiehed iqis ukoll ix-xhieda tal-Pulizija PS Anthony Agius li nvestiga l-incident u li jixhed: *"Nikkonferma li kienu fil-karregjata ta' l-attrici. <u>Hi kienet fuq in-naha taghha dritta thares lejn in-naha ta' Hal Ghaxaq. Il-vettura ta' Grech kienet at an angle imdahla go fiha, gol-karozza</u>."* (sottolinjar mizjud). Din il-Qorti ma ssibx li kien hemm xi nuqqas fis-sewqan da parti ta' l-attrici li kienet ghaddejja fuq in-naha taghha tat-triq u giet rinfaccata bil-vettura tal-konvenut gejja ghal fuqha. Ghalkemm hija applikat il-brejkijiet kif iddikjarat hi stess *a tempo vergine* u kif jirrizulta mis-sinjali fl-iskizz tar-rapport tal-Pulizija, ma jidhirx li l-attrici setghet tevita l-impatt.

Inoltre jigi osservat illi l-konvenut jgib bhala difiza l-fatt li dakinhar ta' l-incident l-art kienet imxarrba li waslet ghall-konsegwenza li huwa skidja.  Issa huwa risaput li l-iskid fih innifsu mhux meqjusa bhala difiza peress li gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna li:

> "*f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax ikun hlief li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti.  Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti.  Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabilità nonostante li skid. Jekk ma tirrizultax, allura li skid hija defence, ghax tkun inevitable accident.  Ghaldaqstant biex d-difiza ta' skid tirnexxi jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq.*" ***(*****Pulizija v. C.Cachia Vol 37 pt IV p 920).**

Ghalhekk kif gie osservat ukoll mill-Qrati taghna, min igib id-difiza ta' l-iskid huwa tenut li jipprova mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid sar bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu *driver* prudenti meta l-art tkun tizloq.  Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawzi fl-ismijiet **Joseph Vella v. Anthony Camilleri (29 ta' Jannar 1998)** u **Jason Agius v. Direttur tal-Edukazzjoni (30 ta' Ottubru 1995)** "*f'materja ta' skidd il-principju regolatur ma jistax ikun li skidd wahdu la huwa prova ta' negligenza u lanqas skriminanti.*"  Biss "*biex id-difiza ta' skidd tirnexxi jehtieg li s-sewwieq jipprova mhux biss li l-incident kien dovut ghal art tizloq izda wkoll li skidd sar b'ebda tort tieghu.*" (**Dottor Remigio Zammit Pace noe v. George Despott, 24 ta' Frar 1997).**  Il-Qorti ta' l-Appell f'sentenza recenti in materja li nghatat fis-26 ta' Gunju, 2015, fl-ismijiet **Joseph Zammit et v. Duncan Galea et,** irriteniet illi:

> "*Ghalhekk ghal appellanti lanqas ma kien ikun bizzejjed jipprova li huwa skiddja izda wkoll li dak l-iskidd ma kienx dovut ghas-sewqan tieghu u ma hemm ebda dubju li huwa naqas li jaghmel dan. Gie stabbilit li f'kazi simili jkun hemm prima facie prova tan-negligenza tad-driver (ara s-*

*sentenza* ***Domenico Spiteri v. Graham Spencer**, **16 ta' Novembru 1957*****)."**

F'dan il-kaz din il-Qorti mhix konvinta li l-konvenut kien qieghed isuq bi prudenza. Sahansitra l-konvenut *ex admissis* in kontro-ezami jikkonferma li l-karozza tieghu biss skidjat dakinhar, dan hu fattur iehor li jiddetermina li l-kawza prossima ta' l-incident ma kienx iz-zlieq li kien hemm, izda in-nuqqas da parti tal-konvenut li jzomm il-vettura tieghu taht kontroll f'kull hin, kif inhu mehtieg minn sewwieq prudenti.

Din il-Qorti tqis inoltre illi l-fatt li sewwieq jitlef kontroll tal-vettura tieghu huwa indikazzjoni ta' sewqan hazin ghaliex sewwieq suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll. Il-Qorti tirreferi fir-rigward ghas-sentenzi **Untours Insurance Agents Limited v. Etienne Saliba et deciza mill-Prim'Awla fid-29 ta' Jannar, 2004, kif ukoll Appell Kriminali, Pulizija vs Neville John Psaila, deciza fl-20 ta' Marzu, 2003 u Appell Kriminali, Pulizija vs Kevin Caruana, deciza fit-3 t'April, 2003.**

L-attrici tirrileva wkoll li l-konvenut kien qieghed isuq taht l-effett ta' l-alkohol fil-hin li sehh l-incident. Fir-rigward issir referenza ghall-okkorrenza a fol. 49 tal-process u cioé dak rapportat mill-Pulizija li x-xufier tal-vettura ABI 225, kellu riha ta' xorb, izda huwa rrifjuta li joqghod ghal ezami tan-nifs fuq il-post. Irrizulta wkoll li l-istess konvenut irrifjuta li joqghod ghal-imsemmi ezami tan-nifs fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Fil-fatt il-PS Anthony Agius li pprepara l-istess rapport jaghti xhieda preciza fir-rigward meta waqt is-seduta tat-3 t'Ottubru, 2008, quddiem l-Assistenta Gudizzjarja jghid:

> *"Grech dak il-hin kien imhawwad hafna u qisu qabad jaghmel ghalina u kellu riha ta' xorb u ghidtlu biex jaghmel il-breathalyser u ma riedx. Imbaghad hadtu d-depot u xorta baqa' jinsisti li ma riedx u imbaghad tellajtu l-Qorti."*

L-attitudni aggressiva tal-konvenut hija wkoll korroborata mill-atturi li jghidu li hekk kif r-rikorrent Raymond Cunningham mar ikellmu wara l-incident, dan il-konvenut hebb ghalih. Ghalkemm originarjament il-konvenut jichad li kien qieghed

isuq taht l-effett tax-xorb, waqt il-kontro-ezami jikkoncedi li huwa kien xorob xi zewg bottijiet birra. Il-provi jwasslu lil Qorti tqis li l-konvenut ma kienx f'sikktu wara l-incident u infatti li diversi nies xammew li l-konvenut kellu r-riha t'alkohol, il-probabbiltà hija li huwa minnu li l-konvenut kien qieghed isuq taht l-influwenza tax-xorb u dan il-fatt ukoll jghabbi lill-konvenut bir-responsabbiltà tal-konsegwenzi li sehhew kawza ta' l-incident *de quo*.

Fil-kuntest tal-proceduri kriminali li ttiehdu, din il-Qorti tirreferi ghall-kawza **Carmelo Camilleri vs. Gejtu Cassar**, deciza fl-1 ta' Dicembru 1955, inghad hekk:

> *""Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; però xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibilità taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap. 12." F'dan is-sens hi l-gurisprudenza taghna (Vol. VI P I p 143 u Vol. XXVII P I p 617).*
>
> *Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi pero' hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kapitolu 12)."*

F'dan il-kaz din il-Qorti qieset bir-reqqa s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Joseph Agius vs John Grech** tad-19 ta' Frar, 2010, tal-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, esebita bhala Dok X a fol. 153 tal-process. Illi permezz ta' l-imsemmija sentenza, l-konvenut gie misjub hati tal-ewwel tliet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u cioé illi saq vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'manjiera

perikoluza jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkawza hsara involontarja fuq l-istess vettura; li nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi perdurata fuq il-persuna ta' Josephine-Carmen Cunningham u Carmen Briffa; u li kkaguna feriti involontarji ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Indri Briffa. Fil-kaz tar-raba' akkuza huwa nstab hati in kwantu rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs, izda gie illiberat mill-akkuza li kien qed isuq taht l-influwenza ta' l-alkohol. Gie kkundannat multa u gie skwalifikat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tliet xhur. Din is-sentenza nghatat wara li dik il-Qorti osservat is-segwenti konsiderazzjonijiet li din l-Qorti tqis ferm rilevanti:

> *"Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u senjatament minn ezami tal-iskizz esebit a fol. 37 tal-process jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-incident awtomobilistiku de quo sehh minhabba sewqan traskurat u perikoluz da parti ta' l-imputat. Mill-iskid marks wara l-vettura tal-imputat jidher li huwa skidja ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn qabez il-linja medjana tal-istess triq u bil-kantuniera ta' wara tax-xellug tal-vettura tieghu laqat il-vettura ta' Cunningham li kienet ghaddejja ghall-affari taghha fuq sajdha. L-imputat isostni li l-vann tieghu skidja ghaliex kienet ix-xita izda imbaghad fl-istess nifs jghid li kien qieghed isuq b'velocità ta' madwar 45 mil fis-siegha u jghid li ghalkemm kien gej minn parti dritta u ghalkemm kellu vizwali fit-tul fid-direzzjoni li minnha kienet gejja Cunningham huwa fl-ebda hin ma ra l-vettura ta' Cunningham. Il-qorti jidhrilha li mill-provi rrizulta ampjament li l-imputat ma kienx kapaci jikkontrolla l-vettura tieghu ghaliex kien qed isuq il-vann tieghu b'velocità tali li ma setghax jikkontrolla l-vann bit-triq imxarrba u bix-xita niezla. Huwa inoltre ma kienx qed izomm a proper lookout ta' dak li kien qed jigri fit-triq ghaliex ex admissis jghid li fl-ebda hin ma nduna bil-vettura ta' Cunningham gejja mid-direzzjoni opposta u ghalhekk ser jinstab hati ta' sewqan traskurat u perikoluz. Il-Qorti jidrilha li ma tistax temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fejn huwa jsostni li kien wieqaf fil-mument li Cunningham baqghet diehla fil-vettura tieghu u*

*dan ghaliex mill-iskizz jirrizulta li l-vettura ta' Cunningham ghandha hsarat kemm fil-ponta tal-lemin ta' quddiem kif ukoll hsara frontali u inoltre kemm Cunningham kif ukoll il-passigiera fil-vettura taghha lkoll isostnu li l-vettura taghhom giet milquta darbtejn mill-vann misjuq mill-imputat, l-ewwel darba fil-genb tal-lemin fuq quddiem u t-tieni darba frontalment. Dan kollu kien jindika li kien l-imputat li laqat il-vettura ta' Cunningham u li huwa ma kienx wieqaf fil-mument tal-impatt, kif qed jipprova jsostni hu." -* Din il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet milhuqa minn dik il-Qorti.

Ghalhekk meta wiehed jikkonsidra s-sewqan tal-konvenut u d-dover li jzomm il-vettura tieghu kull hin taht il-kontroll mehtieg minn kull sewwieq, abbinata man-nuqqas tieghu li jzomm *proper lookout,* din il-Qorti ma thossx illi l-konvenut sehhlu li jipprova li l-iskid ixxejjen ir-responsabbiltà tieghu. Lanqas ma pprova li l-attrici kkontribwiet b'xi mod ghall-accident. Ghalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-atturi rnexxielhom jippruvaw li l-kawza ta' l-incident in ezami kien is-sewqan traskurat tal-konvenut li ma zammx kontroll tal-vettura tieghu u naqas ukoll milli jzomm *proper lookout* u li jkun konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru fit-triq fejn sehh l-incident bil-konsegwenza li ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-hsarat li soffrew l-atturi minhabba l-incident stradali in ezami.

## Danni

Irrizulta wkoll li konsegwenza ta' l-incident, l-attrici soffriet hsarat kemm materjali konsistenti fil-hsara estensiva fil-vettura taghha, u spejjez ohra, kif ukoll debilità permanenti fuq il-persuna taghha. Issa in materja ta' danni, l-ligi taghna, permezz ta' l-artikolu 1045 tal-Kodici Civili tipprovdi illi:

"(1) *Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u*

*t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara*."

Huwa ritenut illi l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun sofra d-danni fl-istess posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn u ghalhekk il-principju applikabbli huwa dak ta' *restitutio in integrum.*

*Damnum emergens*

Kawza ta' l-incident ir-rikorrenti pproduciet ircevuti ta' spejjez medici u spejjez ohra li inkorriet (fol. 20 sa 25 tal-process) ammontanti ghal Lm132 ekwivalenti ghal tliet mija u seba' euro u tmienja u erbghin centezmu (€ 307.48).

Filwaqt li pproduciet ukoll rapport tas-*surveyor* li jinsab esebit a fol. 123 u 124 tal-process, li permezz tieghu gie stabbilit li l-valur tal-karozza tal-attrici qabel l-incident kien ta' Lm1300 ossia €3028.19. Is-surveyor Colin Cassar xehed li minhabba l-hsarat estensivi li garrbet l-istess vettura TFC 770, din kienet meqjusa *beyond economical repair* u li sussegwentement kienet tajba biss ghall-*scrap*, li fl-opinjoni tieghu ma tiswiex aktar minn Lm150 ossia €349.41. Dan iwassal ghal telf li garrbet l-attrici fl-ammont ta' Lm1,150 ekwivalenti ghal elfejn sitt mija u tmienja u sebghin euro u tmienja u sebghin centezmu (€2678.78).

Irrizulta wkoll li l-attrici minhabba li kienet migugha ghal xi zmien, kellha tonqos milli tattendi x-xoghol, bil-konsegwenza li kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-impjegat rapprezentant fid-Dipartiment tar-Rizorsi, kellha tiehu certu ammont ta' sick leave (ara fol. 76 u 77 tal-process) li wassal li l-attrici tnaqsilha mis-salarju l-ammont ta' Lm752.75 ekwivalenti ghal elf seba' mija u tlieta u hamsin euro u erbgha u erbghin centezmu (€1753.44).

B'hekk it-total ta' ammont effettiv li tilfet l-attrici bhala danni konsegwenza ta' l-imsemmi incident qeghdin jigu likwidati fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u disgha u tletin euro u sebghin centezmu (**<u>€4739.70)</u>** bhala *damnum emergens*.

*Lucrum cessans*

A bazi tal-ligi taghna il-kwantifikazzjoni tad-danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-gudikant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalkemm jezistu certu principji, dawn mhumiex assoluti. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono v. Malta Drydocks** deciza minn din il-Qorti preseduta diversament fis-27 ta' April, 2005, inghad:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."*

Id-dizabilità permanenti li soffriet l-attrici konsegwenza ta' dan l-incident giet stabbilita bir-rata ta' 3% kif konfermata mir-rapport tal-konsulent mediku *ex parte,* l-konsulent Ortopediku Dr. Frederick Zammit Maempel (fol. 9 et. seq tal-process). F'dan ir-rigward issir referenza wkoll ghax-xhieda ta' dan il-kirurgu moghtija quddiem l-Assistenta Gudizzjarja waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008 meta jghid: *"It-3% huma ta' dan l-incident in kwistjoni biss. Hi ghandha dizabilità ikbar pero relatat ma' incident iehor...Nghid li dawn it-3% huma kompilati bhala zieda fuq li digà kellha."* Dan ir-rapport ma jidhirx li gie kkontestat mill-konvenut u lanqas ma saret talba lill-Qorti sabiex jigi nominat espert mediku sabiex isir ezami ulterjuri ta'

l-attrici u ghalhekk din il-Qorti ser taddotta l-imsemmi percentwali ta' 3% fil-kalkoli taghha.

Fir-rigward tal-*multiplier* hawnhekk ukoll wiehed irid jghid illi normalment f'kazijiet bhal dawn il-multiplier ma jsirx semplici tnaqqis bejn l-età t'irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Fil-fatt din giet definita hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228).

Hawnhekk issir referenza ghal gurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti fir-rigward ta' komputazzjonijiet maghmula wara incidenti li jinvolvu dizabilità permanenti bhal per ezempju **Laurence Saliba v. Bezzina Ship Repair Yard (C8570) deciza fit-12 ta' Novembru, 2012,** fejn jinghad hekk : *"Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformità f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' l-insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilità kbira."* Din ic-chart hija riflessa f'numru ta' sentenzi ohra ta' din il-Qorti hekk kif diversament preseduta bhal **Godfrey Schembri v. Victor Portelli deciza 2 ta' Novembru, 2009, u Alex Azzopardi v. Anna Ellul et deciza fil-20 ta' Mejju, 2013.** Konsegwentment din il-Qorti ser tuza l-imsemmija skeda li permezz taghha, persuna li ghandha 'l fuq minn erbghin sena u hekk kif jirrizulta, l-attrici f'dan il-kaz kellha hamsa u erbghin (45) sena fil-hin ta' l-incident, ser jigi adoperat *multiplier* ta' erbatax-il (14) sena.

In kwantu ghall-paga jirrizulta li fis-sena ta' l-incident, fl-2006 l-attrici soffriet tnaqqis fil-paga, il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti a fol. 26 sa fol. 28 tal-process, li minnhom jiirizulta li l-attrici fil-perjodu in kwistjoni fuq medda ta' tliet snin bejn l-

2005 u l-2007 kienet qeghda taqla' salarju gross average ta' Lm4909.54 ekwivalenti ghal €11,436.15. Jekk wiehed jikkonsidra li normalment il-paga minima nazzjonali tizdied b'€303.78 kull sena, dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'€303.78 ghal erbatax-il sena u jekk wiehed jiehu l-medja tas-salarju fi zmien l-incident (€11,436.15) u dak tal-ahhar salarju (€4252.92 +€11,436.15= €15,689.07) ossia €11,436.15 + €15,689.07/2= €13,562.61 – iwassal ghal figura ta' tlettax-il elf hames mija u tnejn u sittin euro u wiehed u sittin centezmu (<u>€13,562.61)</u> li ghandha tigi adoperta bhala multiplicand li jipprovdi wkoll ghall-gholi tal-hajja.

In vista tal-fatt li l-atturi ser ikunu qeghdin iddahhlu somma kapitali f'daqqa huwa ndikat li jsir tnaqqis meta jkun ghadda ftit zmien bejn il-incident dannuz u s-sentenza finali. F'dan il-kaz fejn tenut kont tal-fatt li l-likwidazzjoni qegħda ssir kwazi tmien (8) snin wara li kienet intavolata l-kawza, dan ifisser illi ghal tmien snin il-konvenut zamm f'idejh u gawda flus li jmissu lill-atturi, izda l-atturi sejrin jiehdu l-beneficcju li jdahhlu llum flus li kienu ser idahhlu fil-gejjieni. Ghalhekk din il-Qorti thoss li jkun bizzejjed li jsir tnaqqis ta' sitta fil-mija (6%) u ser tadotta tnaqqis bhala lump sum deduction ta' <u>6%</u>.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tillikwida l-ammont dovut lill-atturi bhala *lucrum cessans* kif gej:
3% x 14 x €13, 562.61= €5696.30 – 6% = <u>**€5354.52.**</u>

Konsegwentement meta tghodd flimkien id-danni pagabbli lill-atturi u cioé l-ammont ta' erbat elef seba' mija u disgha u tletin euro u sebghin centezmu (<u>**€4739.70)**</u> bhala *damnum emergens* flimkien ma' hamest elef tliet mija u erbgha u hamsin euro u tnejn u hamsin centezmu (<u>**€5354.52**</u>**)** bhala *lucrum cessans,* dan iwassal ghall-ammont totali ta' ghaxart elef u erbgha u disghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (<u>**€10,094.22**</u>**).**

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' it-talbiet ta' l-atturi u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali tat-12 ta' Frar, 2006.

Tillikwida d-danni fl-ammont ta' ghaxart elef u erbgha u disghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€10,094.22) u tikkundanna lill-intimat John Grech ihallas lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef u erbgha u disghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€10,094.22), bl-imghax mid-data ta din is-sentenza.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-intimat John Grech, b'dana pero li socjetà intervenuta fil-kawza Gasan Mamo Insurance Limited, ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG